# Reliġjużi Agostinjani marbuta maż-Żejtun

Carmelo P. Baldacchino





Wara li fis-sentejn li għaddew ktibt dwar il-Kappuċċini u l-Karmelitani Żwieten, u l-artikli tiegħi kienu milqugħa b'interess qawwi minn dawk kollha li jinterresahom il-personaġġi u l-ġrajjiet marbuta maż-Żejtun, kien ferm xieraq li għal din is-sena nikteb ukoll dwar ir-Reliġjużi Agostinjani Żwieten.

Ta' dan ix-xogħol nixtieq nirringrazzja lil Patri Ġuż Mifsud, Patri Pierre Desira u Patri Raymond Francalanza tal-għajnuna siewja tagħhom.

## Patri Konsilju Desira O.S.A.

*Nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju 1972, festa tal-Madonna tal-Karmnu, tħabbar li Patri Konsilju Desira, għadda għal ħajja oħra sabiħa, bla dmugħ, fl-għomor ta' 67 sena, għall-ħabta tad- 9:00PM. Billi kien magħruf ħafna, kemm ġewwa l-kunvent u kemm barra mill-kunvent, għall-karattru ferrieħi u ċajtier tiegħu, kulħadd baqa' mistgħaġeb għal din it-telfa ta' dan ir-reliġjuż.*

*Ġanni, għax hekk kien jismu fis-seklu, twieled fiż-Żejtun fis-17 t' Ottubru 1905 minn Salvu Desira u Marija Speranza mwielda Spiteri. Wara li ħa l-edukazzjoni meħtieġa minn għand il-ġenituri tiegħu u mill-iskola taż-Żejtun, u mrobbi sa minn ċkunitu fil-biża' t'Alla u fl-imħabba lejn il-proxxmu tiegħu, iddeċieda li jħaddan l-Ordni ta' Santu Wistin. Hekk wara li talab li jiġi aċċettat fl-Ordni Agostinjan, nhar is- 6 ta' Novembru 1921 ġie mlibbes il-libsa l-bajda ta' Novizz fil-kunvent tar-Rabat. Wara sena ta' prova, fit- 12 ta' Novembru 1922 għamel il-professjoni tal-voti sempliċi u fis- 17*

*ta' Novembru 1926 wiegħed u kkonsagra ħajtu u ruħu għal dejjem bil-voti solenni. Issokta l-istudji tiegħu fit-Teoloġija u fit- 30 ta' Ġunju 1929, flimkien ma Patri Pawl Spiteri u Patri Ġużepp Borġ, ġie ordnat saċerdot ta' Kristu.*




*Wara l-ordinazzjoni saċerdotali ġie mibgħut fil-kunvent Agostinjan ta' Għawdex f'Novembru 1930 u hemm beda l-ħidma pastorali tiegħu. Fl-1932 il-provinċjal ta' dik il-ħabta Patri Majjistru Wenz Agius rnexxilu jiftaħ kunvent fuq l-istess art li fiha Santu Wistin kien iwettaq il-ħajja pastorali ta' Isqof. F'dan il-kunvent ġdid ġie wkoll mibgħut minn ta' l'ewwel Patri Konsilju biex jissokta l-ħidma tiegħu, iżda wara ftit xhur kellu jerġa lura Malta u qagħad fil-kunvent tal-Belt sas-sena 1935 minn fejn intbagħat f'dak ta' Santa Rita, f'San Ġorġ. Mill-1938 sal- 1949 kien il-Belt, mill-1949 sal-1958 fil-kunvent tal-Bon Kunsill, Spinola, bħala Sotto-Pirjol, Sagristan u Ekonomu u mill-1958 sakemm miet għaddieh ir-Rabat. Għamel xi żmien ukoll bħala Rettur tal-Knisja ta' Sant' Anton, l-Għemieri, u fil-Parroċċa ta' Ħad-Dingli.*

*Patri Konsilju Desira kien reliġjuż osservanti, ħabb b'imħabba liema bħala l-Provinċja Agostinjana u lill-proxxmu tiegħu u fl-istess ħin kien maħbub minn kulħadd għall-eżempju tajjeb li dejjem ta u għall-imġiba tajba li dejjem wera ma kulħadd. Fil-kunvent dejjem qeda dmiru bir-reqqa kollha u kienet l-għaxqa tiegħu jgħin lir-reliġjużi.*

*Sa minn dakinhar li ħaddan l-Ordni ta' Santu Wistin, għamel ħiltu kollha biex jipprattika l-virtujiet tar-reliġjon nisranija għax għaraf li dawn jistgħu jwassluh għall-glorja u għall-hena ta' dejjem u b'hekk ikun jista' ġurnata waħda jara 'l Alla wiċċ imb' wiċċ. Nittamaw li jinsab igawdi 'l Alla kif dejjem xtaq hu.*

## Patri Ġużeppi Mifsud O.S.A.

*Ġużeppi twieled fil-Birgu fl' 4 ta' Lulju 1932, bin Lorenzo Mifsud u Teresa mwielda Seychell, u trabba l-Birgu. Minħabba l-gwerra 1938 - 1945, il-ġenituru tiegħu flimkien mal-familja numeruża tagħhom, kellhom iħallu l-Birgu u sabu rifuġju fiż-Żejtun, meta Ġużeppi kien għad kellu biss 7 snin. Hu ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu fl' iskola Primarja taż-Żejtun. Fl-1945 huwa daħal is-Seminarju tal-Furjana, u wara l-istudju tiegħu letterarju daħal novizz mal-Agostinjani fl-1948, studja l-Filosofija u t-Teoloġija.*

*Huwa ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1956, flimkien ma' erba' saċerdoti oħra Żwieten. Wara huwa ġie mibgħut fl-Afrika ta' Fuq fejn wettaq missjoni f'Tunes*

u l-Alġerija, fejn dam madwar disa' snin jevanġelizza lill-Maltin, Ingliżi, Amerikani u Franċiżi. Wara dan l-Appostolat mar l-Ingilterra mal-Brothers ta' De la Salle u wara mar Marsilja mal-komunita' li qabel kienet fit-Tuneżija. Wara ġie lura Malta fejn serva fil-Kunventi Agostinjani ta' Bon Kunsill, u ta' Santa Rita f'San Ġiljan, Għawdex, Valletta, Ħal Tarxien u Viċi kappillan għal 12 il-sena sħaħ fir-Rabat.



Patri Ġużepp dar Malta w Għawdex kollha bil-priedki sbieħ tiegħu fosthom fir-Raħal tat-trobbija tiegħu ta' tfulitu, ż-Żejtun. Ma kienx jonqos flimkien ma Ħuh Dun Lawrenz li jattendi għal festi li kienu jsiru fiż-Żejtun, speċjalment dawk ta' Santa Katarina.

Patri Ġużepp ħadem ħafna l-missjoni li daħal għaliha, u l-aħħar żmijiet ta' ħajtu qattagħhom fil-kunvent ta' Santu Wistin r-Rabat fejn kien jaqdi l-Appostolat tiegħu mal-Komunita' tal-Buskett fil-Palazz Verdala.

Bħala refuġjati fiż-Żejtun kellhom jibdlu r-residenza tagħhom diversi drabi, fosthom fi Sqaq il-Bjar, Triq il-Lvant u Triq Luqa Briffa.



Patri Ġuż ħalla dan il-wied tad-dmugħ propju din is-sena fit-8 ta' Frar 2014 fl-eta sabiħa ta' 81sena. Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem

## Patri Pierre Desira O.S.A.

Patri Pierre Desira twieled fiż-Żejtun fil- 11 ta' Jannar 1973, bin Carmelo u Carmela imwielda Farrugia, u ġie mgħammed fit- 22 ta' Jannar ta' l-istess ena fil-parroċċa ta' Santa Katarina ż-Żejtun. Meta kiber beda l-istudji tiegħu fl-iskola primarja ta' raħal twelidu u wara mar il-Juniour Lyceum tal-Ħandaq. Wara mar fil-Higher Secondary, l-Imsida, fejn ġietu il-vokazzjoni reliġjuża, u wara talba lil Provinċjal Agostinjan, ġie aċċettat bħala student. Wara l-istudji

*tiegħu għamel il-professjoni Solenni fit- 28 ta' Settembru 1998 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina ta' raħal twelidu.*
*Imbagħad kompla bl-istudji tiegħu Ruma, fl-Istitut Patristiku Agostinjan fejn ħa id-Djakonat, fil- 25 ta' Marzu 1999. L-Istudji komplew sakemm waslet il-ġurnata tant mixtieqa minnu w mill-ġenituri tiegħu, meta ġie ordnat saċerdot fl- 1 ta' Settembru 2000 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Wara li lesta l-istudji tiegħu fis-sena 2002, ġie mibgħut fl-Alġerija bħala missjunarju, fejn kien jaħdem il-fundatur tal-Ordni Agostinjana, hemm dam għall-erbgħa snin sħaħ. Fis-sena 2006 ġie jkompli x-xogħol tiegħu f'Malta fil-kulleġġ ta' Santu Wistin tal-Pieta' fejn dam għall-erbgħa snin sħaħ. Bħalissa qiegħed ikompli x-xogħol tiegħu fil-knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat u għandu f'idejh il-kor tal-knisja. Huwa wkoll involut fil-laqgħat tal-istitut Agostinjan li jikkonsistu f'tagħlim ta' Santu Wistin.*
*Patri Pierre jokkupa wkoll l-kariga ta' Kunsillier tal-Provinċjal.*
*Għalkemm il-bogħod minn raħal twelidu, hu ma jonqosx li fil-festa ta' Santa Katarina u f'okkażjonijiet oħra, jiġi jagħmel servizz fil-parroċċa tagħna.*
*Aħna ż-Żwieten nawgurawlu ħajja twila biex ikompli s-servizz lilu fdat mis-Superjuri tiegħu.*

## Patri Dr. Raymond Francalanza O.S.A. S.Th.D

*Patri Raymond Francalanza, twieled fiż-Żejtun nhar l-4 ta' Jannar 1965. Il-Ġenituri tiegħu huma ommu Marija u missieru Emmanuel. Huwa għandu żewġ ħutu oħra Jane u Robert. Oħtu Jane hi miżżewġa lil Domnic u għandhom żewġ t'itfal: Rebecca u Abigail.*
*Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ ta' Santu Wistin fil-Pieta' u wara kompla bl-istudji Terzjarji tiegħu fl-Universita ta' Malta. Fl-1985 hu għamel in-novizzjat tiegħu fil-kunvent ta' San Nikola ta' Toletino (Macerata) fl-Italja. Fl-1988 huwa rċieva l-Professjoni Solenni fl-Ordni Agostinjana u ftit wara ġie ordnat Djaknu. Fis-6 ta' Lulju 1990 Fr. Ray ġie ordnat Saċerdot mill-Eċċelenza Tiegħu Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Fl-1991 Fr. Raymond kiseb l-liċenzja fit-Teoloġija bit-teżi The Mystery of the Church in the writing of St. Augustine. Bejn l-1991 u l-1994 huwa beda l-ewwel ħidmiet pastorali tiegħu. Hu ntagħżel biex ikun responsabbli mill-formazzjoni inizjali tal-Istudenti Agostinjani f'Dar San Ġużepp fil-Pieta' u mill ħidma vokazzjonali tal-Provinċja. Fl-istess perjodu hu kien qed jagħti servizz ukoll fil-kulleġġ ta' Santu Wistin bħala għalliem tar-Reliġjon lill-istudenti tal-ħames sena, għalliem tal-mużika u bħala direttur spiritwali.*
*Fil-Kapitlu Provinċjali tal-1994, Patri Raymond inħatar rettur tal-Kulleġġ Santu Wistin. Dan hu servizz li baqa' jagħti sas-sena 2000. Fl-istess perjodu (1996), huwa intagħżel mill-Gvern Malti sabiex ikun membru fuq il-Kummissjoni Parlamentari tal-Edukazzjoni. Huwa serva wkoll għal xi żmien bħala Chairperson tal-iskejjel tal-Knisja. Fis-sena 2000 beda l-ministeru tiegħu fil-Komunita' ta' Paceville u fl-istess żmien beda ir-riċerka*



*dottorali tiegħu. Fis-sena 2002 huwa intagħżel biex ikun Definitur tal-Provinċja - servizz li baqa' jagħti sal-Kapitlu Provinċjali 2010. F'dawn it-tmien snin huwa serva diversi drabi bħala Vigarju Provinċjali. Fis-sena 2006 huwa intagħżel biex ikun il-Pirjol tal-Komunita' ta' Paceville u Rettur tal-Knisja ddedikata lil Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb. Fl' istess sena Fr. Ray flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ oħra taw bidu għall-grupp taż-żgħażagħ bl-isem LIFT: Living In Friendship Together. Dan il-grupp, li nibet frott l-esperjenzi pastorali ta' Patri Raymond ġewwa Paceville, partikolarment mill-quddiesa li hu kien iqaddes kull nhar ta' Sibt fid- 9.30pm. Dan hu grupp attiv ħafna li welled esperjenzi sbieħ ta' ħbiberija u fidi qalb żgħażagħ minn Malta kollha.*

*Fis-sena 2007 Fr. Ray kien magħżul mill-patrijiet sabiex ikun id-Delegat tagħhom li jirrappreżenta lill-Provinċja waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu Ġenerali Ordinarju li sar f'Ruma. Fis-sena 2008 huwa ddefenda t-Teżi Dottorali tiegħu fil-Fakulta' tat-Teoloġija fl-Universita ta' Malta. It-Teżi jisimha Sign and Signification: Networks of Discernment in the Church. Fr. Ray iggradwa bħala Duttur tat-Teoloġija nhar il- 25 ta' Novembru 2009.*

*F'April 2010 il-Provinċja Agostinjana Maltija ċċelebrat il-Kapitlu Provinċjali tagħha, u fil-fażi msejjħa Post-Kapitulari, il-Provinċjal Fr. Emmanuel Borg Bonello OSA flimkien mal-Kunsill tiegħu ppreżenta lil Mons. Arċisqof in-nomina sabiex Fr. Ray Francalanza jintagħżel bħala Kappillan. L-Arċisqof ta' Malta l-Eċċ Tiegħu Mons. Pawlu Cremona OP laqa' din in-nomina u ħatar lil Fr. Ray bħala l-Kappillan tal-Parroċċa ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta u ħa l-pusses nhar il-Ħadd 22 t'Awissu 2010.*

*Fr. Raymond Francalanza kien elett bħala Provinċjal tal-Provinċja Agostinjana Maltija fi Frar 2014.*

*Aħna ż-Żwieten nawguraw lil Patri Raymond, ħajja twila, mimlija ħidma fejjieda fl-Għalqa tal-Mulej.*